# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NUMRU 2 4 8 6

### Chairman: Dr Leslie Cuschieri Cert.Dip.Stud., LL.D.

**Kaz Numru 3397/LC**

**Fil-kwistjoni tax-Xoghol bejn**

**Lucianne Lia**

**vs**

**Borg and Aquilina Limited**

**dwar tkeċċija mill-impieg allegata li hi inġusta.**

Illum 27 ta' Gunju 2017

Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Rikors ta' Lucianne Lia li gie pprezentat fir-Registru tal-Qorti fil-31 ta' Awwissu 2015 tramite l-avukat Dottor Victor J. Bugeja.

PRELIMINARI

Fir-rikors taghha Licanne Lia qalet li hija kienet impjegata tas-socjeta' intimata sa mill-1 ta' Lulju 2014, imbaghad fl-1 ta' Gunju 2015 l-impieg taghha gie terminata b'sehh minn dik id-data. Hija tghid li t-tkeccija taghha mill-impieg kienet wahda ingusta u dana ghaliex ma kienx hemm raguni valida skond il-ligi sabiex l-impieg ikun terminat. Tghid li safejn huwa maghruf l-impieg taghha gie terminat bla ebda raguni u dana kif del resto ddikjarat s-socjeta' intimata stess mal-Korporazzjoni ghall-Impieg u t-Tahrig. Ghalhekk hija talbet li dan il-kaz ikun investigat u determinat ai termini tal-Kapitolu 462 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fid-dikjarazzjoni tal-Kaz taghha, ir-rikorrenti ddikjarat li hija kienet impjegata bhala sales representative mill-1 ta' Lulju 2014, u f'dan l-impieg hija kienet izzur il-hwienet u tbiegh il-prodotti tas-socjeta' intimata, u ghal dan ix-xoghol kienet tithallas paga u commission skond il-bejgh. Tghid li malli hija giet impjegata mas-socjeta' intimata gew assenjati lilha numru ta' hwienet, izda wara xi erba' xhur ghalqu hames supermarkets, izda dawn qatt ma gew sostiwiti fir-rotta taghha. Tghid li inoltre kien hemm xi prodotti principali li kienu marru *out of stock* ghal tmien xhur shah. Tghid li minghajr spjegazzjoni ta' xejn hija giet imsejha fl-ufficju mis-sur Mario Cassar Laudi li talabha tirrizejna; meta hi talbitu spjegazzjoni bhala raguni huwa qalilha li r-raguni kienet ghax ma kinitx qed tilhaq it-targets. Tghid li dakinhar stess hija ttehditilha l-vettura tax-xoghol mill-pussess taghha b'tali mod u manjiera li ma setghetx tahdem, u intalbet ma tirrappurtax aktar ghax-xoghol u ntalbet ukoll tirrizenja mill-impieg. Tghid li hija rrifjutat li tirrizenja u minkejja li ma thallietx tirrapporta ghax-xoghol il-kumpanija intimata naqset li taghtiha termination letter; imbaghad wara xi tliet gimghat hija talbet li tinghatalha termination letter, izda giet rinfaccata mid-direttur Stephen Borg li talabha tiffirma dikjarazzjoni qabel tinghata t-termination note, pero' hija ma ffirmatx din id-dikjarazzjoni.

Tghid li sussegwentement l-impieg taghha gie terminat minghajr raguni valida fil-ligi b'sehh mill-1 ta' Gunju 2015: din kienet tkeccija ingusta ghaliex ma kienx hemm raguni valida skond il-ligi biex l-impieg ikun terminat, u ghalhekk talbet li tinghata kumpens.

Is-socjeta' intimata pprezentat Dikjarazzjoni tal-Kaz fejn hija ddikjarat li mhuwiex kkontestat li r-rikorrenti kienet impjegata mas-socjeta' intimata bejn il-perjodu tal-1 ta' Lulju 2014 u l-1 ta'Gunju 2015, izda irrespingiet l-allegazzjoni tar-rikrrenti li t-tkeccija kienet minghajr raguni valida fil-ligi, u ghalhekk l-ebda kumpens mhuwa dovut lilha. Tghid li r-rikorrenti kienet impjegata mas-socjeta' intimata fil-kariga ta' "sales representative"; pero' s-socjeta' intimata ma kinitx sodisfatta bix-xoghol li kienet qed taghmel ir-

rikorrenti matul iz-zmien tal-impieg taghha u wissietha diversi drabi b'dan, inkluz permezz ta' written warning; tghid li kienet ser tipprezenta dokumenti matul it-trattazzjoni tal-kaz li juru kif u kemm ix-xoghol tar-rikorrenti ma kienx tal-livell adegwat; tghid li hija ghandha ukoll evidenza dokumentarja fil-forma ta' 'data tracking records' li r-rikorrenti ma kinitx qeghda tahdem is-sieghat rikjesti minnha, u kienet tibda xoghol ferm iktar tard milli kien stabbilit, u dan kif ser jigi spjegat fit-trattazzjoni tal-kaz; tghid li r-rikorrenti naqset milli tonora l-obbligi kuntrattwali taghha, u dan mhux biss ghax ma kinitx tahdem is-sieghat tax-xoghol taghha izda ukoll ghax il-kumpanija sofriet telf finanzjarju minn tnaqqis ta' bejgh fil-perjodu meta hi kienet impjegata maghha kkumparat ma' snin ohra u ma' haddiema ohra li kienu jaghmlu l-istess xoghol. Tghid li ghal dawn ir-ragunijiet it-tkeccija ta' Lucianne Lia ma kinitx tkeccija ingusta skond il-ligi, u allura ebda kumpens mhuwa dovut lilha. Gew salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Fil-fazi inizjali ta' dan il-kaz, dan it-Tribunal heggeg lill-partijiet jittentaw ftehim bonarju. Ghall-iskopijiet ta' Artikolu 78 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta jinghad li ma kienx possibbli li dan il-kaz jigi terminat fiz-zmien moghti mill-ligi minhabba d-diversi differimenti mitluba, oltre li ghal xi zmien il-kaz inzamm jistenna l-ezitu ta' kawza kostituzzjonali rigwardanti l-hatra ta' chairmen fit-Tribunal Industrijali.

IL-PROVI

Ghas-socjeta` intimata xhed **Lawrence Darmanin** fil-kwalita' tieghu ta' Brand and Sales Manager ghal l-ahhar tmin snin, izda jispjega li r-rikorrenti kienet ilha taqa' taht id-dipartiment tieghu fl-ahhar xahrejn biss tal-impieg taghha ghaliex huwa rrimpjazza manager ohra Josianne Bonnici Previ. Jghid li r-rikorrenti giet impjegata bhala sales representative: hija kellha rotta partikolari stabbilita mill-kumpanija, u hija kellha tmur ghand il-klienti fuq din ir-rotta biex tbiegh il-prodotti. Kien hemm erbgha *sales reps* kollha bir-rotta taghhom:

xogholhom ibieghu prodotti, u jigbru il-flus. Ir-rikorrenti ghamlet 11- il xahar tahdem mas-socjeta' intimata. Dan ix-xhud ipprezenta 13-il dokument ta' *tracking* tal-vettura li kienet tuza r-rikorrenti; jispjega li meta l-vettura ddum wieqfa aktar minn 3 minuti, t-tracking jimmarkaha bhala "Stoppage". Jghid li biex ir-reps ilahhqu r-rotta kien jaqblilhom jibdew f'xi s-6;30 ta' fil-ghodu, pero' r-rikorrenti kienet tibda aktar tard, gieli fis-7:30 u t-8:45 li kien ifisser li ma jkollhiex hin biz-zejjed biex tlahhaq ir-rotta kollha. Dan kien iwassal ghall-problema li biex tlahhaq ir-rikorrenti kienet taqbez xi klienti, u problema ohra kienet li ma tasalx lura l-officju bejn nofsinhar u n-nofsiegha; il-kumpanija kienet tesigi li r-*reps* jigu lura bl-ordnijiet bejn nofsinhar u n-nofs siegha ghaliex f'dak il-hin jibdew jitghabbew it-trakkijiet u l-ordnijiet jigu "delivered" l-ghada – il-kumpanija kienet taghti *24 hour-service.* Biex jinzamm dan is-servizz, meta r-rikorrenti kienet tkun tard kien ikollhom izommu haddiema *over-time*, li jigu spejjez zejda ghall-kumpanija. Gie pprezentat warning li inghatat ir-rikorrenti fil-5 ta' Frar 2015 bir-ragunijiet ikunu:-
"- *Failing to abide by company regulations regarding the procedure for orders which are to be sent and delivered on a 24 hour basis; Disrupting the company's chain of procedures due to negligence from your part.*" Din it-twissija giet iffirmata mir-rikorrenti.

Gew prezentati s-sales li juru li meta f'Gunju 2014, ir-rikorrenti bdiet tohrog fuq ir-rotta ma' Charlo Caruana; dan kien jaghmel xogholu tajjeb hafna. Ix-xhud jigbed l-attenzjoni ghas-sales gholja li kien hemm f'Gunju u Lulju 2014 meta r-rikorrenti bdiet tahdem maghhom u kienet tmur fuq ir-rotta ma' Caruana; imbaghad meta hi spiccat f'Gunju 2015 ir-rotta hadha Anthony Scerri, u di fatti l-istatistika tas-sales qeghda fuq isem dan ir-rep Anthony Scerri (dokument LD14). Innota li malli r-rikorrenti bdiet wahedha s-sales waqghu drastikament; imbaghad f'Mejju 2015 "iddecidejna bhala kumpanija li ntuha c-cans li nghallmuha u naraw hiex ir-rotta hiex vera viabli jew le…" u reghghu baghtu lil Charlo Caruana fuq ir-rotta: f'dak ix-xahar is-sales regghu sparaw 'il fuq. Fuq dan il-kumpanija iddecidiet li lir-rikorrenti twaqqafha mix-xoghol u r-rotta nqasmet bejn it-tliet *reps* l-ohra sa meta f'Awwissu dahal

Anthony Scerri u rega' beda jilhaq it-targets (pero' s-sales minn Awwissu 2015 'il quddiem ma jidhrux fuq LD14).
In kontroezami jikkonferma li r-rikorrenti tkecciet ghax ma kinitx qed timxi mal-istruzzjonijiet tal-kumpanija li zzur il-hwienet kollha tal-inqas darba fil-gimgha. Dwar l-ittra ta' rizenja li inghatat lir-rikorrenti biex tiffirma dan ix-xhud jghid li ma jaf xejn dwarha.

**Josianne Bonnici Previ** xhedet li hija kienet Sales and Brand Manager mas-socjeta intimata ghal ghaxar snin, imma bejn Gunju u Ottubru 2015 hija harget fuq *maternity leave*, u ghalhekk xogholha beda jaghmlu Lawrence Darmanin. Tghid li hi kienet intervistat lir-rikorrenti meta giet biex timpjega sales rep, u bhal ma taghmel dejjem avvzatha li dan ix-xoghol kien jirrikjedi li sas-6:30 ta' fil-ghodu r-*rep* ikun diga' ghand l-ewwel klient, pero' r-rikorrenti kellha problema kbira biex tqum kmieni u ma kinitx tasal ghand l-ewwel klient qabel is-7:30 jew it- 7:45 ta' fil-ghodu. Il-klienti kienu jinqdew jew fuq bazi ta' 48 siegha u f'xi granet fuq bazi ta' 24 siegha; issa dan id-dewmien tar-rikorrenti kien qed iharbat is-sistema ta' dawk li jinqdew f'24 siegha. Biex tpatti r-rikorrenti gieli dahlet tard waranofsinhar, pero' meta ma tlahhaqx ir-rotta, kienet tispicca tkompliha l-ghada. Din ix-xhud kienet spiss tilmenta mar-rikorrenti li jekk ma tibdiex ix-xoghol kmieni qed jintilef ix-xoghol, pero' r-rikorrenti kienet tghidilha li ma kienx jirnexxilha tqum iktar kmieni. Tghid li r-rikorrenti qaltilha li ommha ma kinitx tqajjimha u kienet ftehmet ma' *sales rep* iehor biex icemplilha kull fil-ghodu biex iqajjimha. Ix-xhud kienet tithassarha u kienet tara kif tadatta r-rutina tal-kumpanija biex izzommha fl-impieg, b'dan li d-*delivery-man* kien jispicca joqghod jistenna u imbaghad jaghmel l-*over-time*.

Din ix-xhud tispjega li ghalkemm din il-problema kienet kontinwa, il-warning tal-5 ta' Frar 2015 inhareg ghaliex ghamlet xi haga aghar: ir-rikorrenti talbet li waqt il-hin tax-xoghol tmur tilqa' lill-*boyfriend* mill-ajruport u twasslu d-dar; din ix-xhud accettat dan bil-ftehim li immedjatament wara r-rikorrenti tmur lura x-xoghol kemm fuq ir-rotta kif ukoll fl-ufficju fejn kellha jistenniha xi

hadd mill-Accounts. Mhux talli r-rikorrenti ma rritornatx ghax-xoghol, talli ma avvzat lil hadd li ma kinitx ser tirritorna, u aghar kien li halliet lil tal-Accounts jistenna, u tfiet il-mobile, b'dan li x-xhud ppruvat iccemplilha imma ma rrispondithiex. Imbaghad f'Mejju 2015 qabbdu lil Charlo Caruana, li suppost kien biss *reliever* ghal meta xi *rep* ikun *leave jew sick-leave*, biex imur mar-rikorrenti halli jara jekk hux veru li hemm xi problema bir-rotta, ghax il-bejgh taghha kien nizel bin-nofs. Ir-rikorrenti xorta kienet tmur ghal Charlo tard; ghalhekk Charlo beda imur fuq ir-rotta wahdu minn kmieni u r-rikorrenti tmur iktar tard biex tkompli r-rotta mieghu. F'dak Mejju 2015 irnexxielhom jergghu itellghu is-sales ghal dawk li kienu qabel. Pero' l-kumpanija ma setghetx thallas zewg *reps* ghal xoghol li suppost qed taghmlu *rep* wahda. Minghajr l-ghajnuna ta' Charlo, r-rikorrenti kienet qed izzur ammont baxx ta' hwienet u waqqghet is-sales ghal ammonti allarmanti. F'Dicembru 2014 wissietha li s-superjuri taghha kienu inkwetati b'dan, u ghalkemm ir-rikorrenti gabet skuza li ghalqulha xi hwienet, f'Jannar 2015 ir-rikorrenti irnexxielha zzid in-numru ta' hwienet li zzur. Pero' fi Frar regghet zaret inqas hwienet, u f'Marzu anqas.

Din ix-xhud tghid li fi 11 -il xahar ir-rikorrenti qalghet 19 kontravenzjoni tat-traffiku. Ghalkemm il-kumpanija, wara li thallas ic-citazzjonijiet tnaqqashom mill-paga tal-impjegat, xorta kienu jaraw din bhala traskuragni. Tghid li s-superjuri taghha tterminaw l-impieg tar-rikorrenti malli hi harget bil-*maternity leave*, pero' taqbel li r-rikorrenti ma ghenitx ruhha biex tirranga xogholha.

**Charlo Caruana** jghid li huwa kien *sales reliever* li ghallem lir-rikorrenti taghmel ir-rotta. Jghid li mill-bidu din kien ikollha problema tibda x-xoghol kmieni, kif jirrikjedi x-xoghol u r-rotta. Jghid li fiz-zmien li kien jghallimha spiss kien jibdielha x-xoghol hu ghax inkella ma jlahhqux ir-rotta. Imbaghad talbuh biex f'Mejju 2015 jerga' jibda johrog mar-rikorrenti fuq ir-rotta taghha ghaliex kienet qed tilmenta li r-rotta naqsilha x-xoghol, pero' meta mar maghha sab li l-ordnijiet kienu baxxi principalment ghaliex kienet tibda x-xoghol tard. Jghid li r-rikorrenti kienet dejjem issib xi skuza ghan-nuqqasijiet taghha, bhal meta tghid li ttardjat minhabba problemi fil-familja. Pero' mir-reazzjoni tal-

klienti innota kif dawn kienu skantaw meta waslet ghandhom aktar kmieni fil-hin; innota kif certi klienti hasbu li certu prodotti ma baqghux jinbieghu ghax hi ma tkunx offrithomlhom, u hafna klienti ma kienux ikunu jafu bl-offerti kurrenti, li juri li r-rikorrenti ma kinitx tghidilhom bihom. Kien ghalhekk li s-sales kienu baxxi.

**Mario Cassar Laudi**, General Manager, spjega kif ir-rikorrenti kienet qed tikkawza linja ta' problemi meta tibda xogholha tard: izzur inqas hwienet, bejgh inqas, tasal tard l-ufficju u thalli impjegati ohra jistennew u sahansitra joqoghdu *overtime*; fuq dan kien wissieha verbalment. Ir-rikorrenti ma kinitx tilhaq it-*targets* ghaliex minhabba l-hin qasir li kien jibqaghlha fuq ir-rotta, hija kienet biss tiehu l-ordnijiet u ma kienx ikollha hin taghmel *promotion* ghall-prodotti biex izzid is-sales. Xoghol ir-rikorrenti kien ikopri kwart ta' Malta. Dan kien iwassal ghal problema ohra li l-prodotti jibqghu ma jinbieghux sal-*expiry date*. Jghid li l-ammont eccessiv ta' citazzjonijiet li qalghet ir-rikorrenti kien juri traskuragni, u jghid li r-rikorrenti kienet taghmel ammont eccessiv ta' telefonati bil-mobile tal-kumpanija. Jghid li r-rikorrent ma irrangatx dawn in-nuqqasijiet u huwa iddecieda li hija ghandha titkecca.
In kontroezami dan ix-xhud spjega li jekk per ezempju ghalaq il-More Supermarket tal-Hamrun u naqsu s-*sales* minghandu, il-prodott jispicca jinbiegh minn hwienet ohra fil-vicin bhal ma hu Fonzu; ghalhekk is-sales suppost jibqghu xorta ghaliex in-nies jibqghu jikkonsmaw l-istess prodotti, imma jixtruhom minn hwienet ohra fl-akkwata, li allura jkunu fl-istess rotta tar-rikorrenti. Din is-sitwazzjoni giet ippruvata mill-fatt li fil-waqt li s-*sales* tar-rikorrenti nizlu ghal fuq l-€20,000, meta f'Mejju 2015 mar maghha Charlo dawn regghu telghu fuq il-€50,000. Mistoqsi ghalfejn ordnaw l-uniformi ghal Lucianne jekk kienu ser iwaqqfuha, dan ix-xhud jghid li ma jafx ghax mhux hu ha hsiebha din il-haga. Dwar l-ittra ta' rizenja li r-rikorrenti intalbet tiffirma, dan ix-xhud jghid li ma kien jaf xejn. Jghid li ma tkeccietx qabel ghadda z-zmien tal-probation ghax kienu ghadhom qed jemmnu li r-rikorrenti tista' tirranga l-performance taghha.

**Lucianne Lia** iddikjarat li hija sabet impieg iehor f'Novembru 2015. Tghid li suppost kellhom jibdew xoghol fis-7:00 ta' fil-ghodu, u imbaghad gabuha li l-hin tax-xoghol jibda jghodd minn x'hin ir-*rep* jasal fl-ewwel hanut. Tghid li ftit xhur wara li qabdet tahdem ghalqu numru ta' supermarkets li kienu fuq ir-rotta taghha: is-superjura taghha weghditha li ttiha hwienet ohra minflok izda dan qatt ma sehh. Tghid li certi prodotti waqghu *out-of-stock* u allura l-bejgh naqas minhabba f'dan ukoll. Dwar il-hin tghid li hija talbet il-permess ta' Bonnici Previ biex tibda tard, u din accettat pero' bil-kondizzjoni li tlahhaq il-hwienet kollha fuq ir-rotta. Ftit qabel tkecciet Bonnici Previ qaltilha biex tmur tordna l-uniformi tax-xoghol; pero imbaghad Bonnici Previ harget tqila u malli din waqfet mix-xoghol keccewha (lir-rikorrenti). Tghid li ftit qabel ma' tkecciet Darmanin baghtilha maghha lil Charlo biex jghallimha, pero' tghid li dan beda jaghmel kollox hu. Imbaghad Darmanin hadilha l-laptop, u wara hadilha l-file tax-xoghol biex idejjaqha. Staqsietu ghalfejn qed jehdilha kollox u dan tellaghha ghand Cassar Laudi u qalulha li hija kellha tirrizenja, biex tevita li jkeccuha u taghmel ikrah ghal impieg futur. Tghid li hija talbitu jghid ghalxiex kienu ser ikeccuha izda hu ma qalilhiex; tghid li anzi hu qalilha li kienet tajba f'xogholha imma kieku kellhom joqoghdu jiddiskutu ma jispiccaw qatt. Tghid li marret tkellem lill-"kbir", certu Stephen fl-ufficju tal-Belt, izda dan ipprezentalha ittra biex tiffirmaha li tghid li hija qed tammetti li ma kinitx qed taghmel xogholha sew u li l-kumpanija Borg and Aquilina ma kellhom jirrispondu xejn ghal din it-tkeccija. Hija rrifjutat li tiffirma dan id-dokument. Talbithom kopja u marret biha l-Labour Office li tawha parir ma tiffirmahx. Hija qaltilhom li ma riditx tiffirma dak id-dokument izda talbithom it-Termination form, u damu biex harguhielha; harguhielha bla raguni tat-tkeccija u imbaghad hargu ohra bir-raguni tkun ghal dixxiplina. Tghid li ezatt qabel telqet waslitilha l-uniformi, u peress li waqqfuha mix-xoghol talbuha €1000 taghha; pero imbaghad haditha haddiema ohra.

KONSIDERAZZJONIJET

Mhuwiex ikkontestat li r-rikorrenti kienet tkun dejjem tard ghax-xoghol, u r-rikorrenti anqas ma kkontestat li ma kinitx qed tilhaq iddur il-hwienet kollha tal-inqas darba fil-gimgha; hija tghid li s-sales naqsu ghaliex kien hemm supermarkets principali li ghalqu u ghaliex xi prodotti kienu marru *out-of stock*. Li prodotti jmorru *out of stock* kellu jaffettwa s-*sales reps* kollha: id-dokumenti esebiti juru li s-*sales reps* l-ohra ukoll kellhom xi tnaqqis fl-2015 pero' t-tnaqqis tar-rikorrenti kien ferm iktar drastiku. Dwar l-gheluq ta' supermarkets verament seta affettwa xi ftit ix-xoghol tar-rikorrenti, pero' ma jistax ma jigix notat li f'Mejju 2015, il-kumpanija tat lir-rikorrenti l-beneficju tad-dubju u baghatet lil Charlo Caruana mar-rikorrenti, u s-sales telghu hafna. Dan it-Tribunal jinnota li anke f'Lulju 2014 is-sales tar-rotta (maghmulin minn Charlo u r-rikorrenti flimkien) gholew immens meta mqabbla ma' tal-haddiem ta' qabel ir-rikorrenti. Dan ifisser li jew Charlo huwa verament tajjeb u ma tistax tqabbel ir-*reps* l-ohra mieghu, jew meta jkunu tnejn isir hafna aktar xoghol minn meta *rep* johrog wahdu bil-problema ta' parking u ragunijiet ohrajn.

Dan it-Tribunal jemmen li l-inabbilta' tar-rikorrenti li tqum kmieni fil-ghodu kien qed jikkawza problemi lis-socjeta' intimata. Ir-rikorrenti giet imwissija f'Dicembru 2014 fuq dan, u l-affarijiet irrangaw f'Jannar 2015. Dan kien ezatt qabel l-gheluq tal-*probation period.* Jekk ir-rikorrenti ghamlitx dan apposta mhux car, pero s-sales regghu bdew nezlin fi Frar 2015. Dan it-Tribunal jara nuqqas ta' responsabbilta' da parti tar-rikorrenti, kemm bil-fatt li ma jirnexxiliex tqum fil-ghodu kmieni, kemm fl-incident li fuqu wehlet *warning* (u li ma kkontestatux) u kemm fuq in-numru ta' citazzjonijiet li hija qalghet (li hawnhekk ma kkontestat xejn dwarhom). Kumpanija ma tistax tibqa' kontinwament titlef il-flus minhabba l-inaffidabilita' ta' impjegata. Dan it-Tribunal jemmen li r-raguni tat-terminazzjoni tal-impieg kienet gustifikata. Pero' dan it-Tribunal jinnota kemm huwa fjakk il-kuntratt tal-impieg li kellha r-rikorrenti, bla dettalji ta' xejn dwar x'inhu mistenni minnha, u jinnota wkoll kif il-kumpanija intimata qatt ma ndenjat ruhha tohrog *warning* miktub propjru dwar din il-problema tal-hin u li r-rikorrenti ma kinitx qed tlahhaq ir-rotta kollha. It-Tribunal jemmen li r-rikorrenti giet imwissija verbalment hafna

drabi, pero' twissija trid tkun cara li tfisser li jekk l-impjegat ser jippersisti fl-imgieba jew nuqqqas tieghu se jkollu l-impieg tieghu terminat. Dan il-messagg donnu ma wasalx. *Warning* mhux necessarjament ikun miktub, pero' irid ikun car li l-persuna tista' titkecca. L-utilita' ta' *warning* miktub hu li hekk l-impjegat ma jkunx jista' jghid li ma fehemx il-warning. Ghalhekk, dan it-Tribunal, fil-waqt li jsib li l-kumpanija intimata kienet gustifikata tittermina l-impieg tar-rikorrenti, kienet tkun aktar gusta mar-rikorrenti kieku fuq il-kuntratt tax-xoghol ghamlitilha cari l-hinijiet tax-xoghol u li hija tenuta tilhaq certu targets; u kienet tkun aktar gusta kieku tal-inqas darba harget *warning* miktub bi kliem car fuq dan l-aspett li persuna tista' titwaqqaf mill-impieg. Fuq dan in-nuqqas it-Tribunal ser jordna hlas ta' kumpens nominali.

<u>DECIZJONI</u>

Ghaldaqstant, wara li ra l-atti kollha ta' dan il-kaz, it-Tribunal qieghed jiddikjara li t-tkeccija tar-rikorrenti kienet ghal raguni valida fil-ligi u f'dan ir-rigward ir-rikorrenti mhix intitolata tkun ikkumpensata ghall-hames jew sitt xhur li damet bla xoghol. Pero' l-kumpanija intimata naqset li taghmel il-pozizzjoni taghha cara mal-impjegata taghha, fis-sens li fin-nuqqas li taghmel dak mistenni minnha hija kienet ser titkecca, u ghal dan in-nuqqas qed jigi ordnat li l-kumpanija intimata tikkumpensa lir-rikorrenti b'ammont nominali biss. Ghaldaqstant it-Tribunal jordna lill-intimata thallas lir-rikorrent kumpens ta' elf Euro (€1,000.00) fi zmien tletin jum mill-lum. Ghall-finijiet tal-Kap 452 tal-ligijiet ta' Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta' disghin Euro (€90.00). B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**Dr Leslie Cuschieri**

Chairman